MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 269/2007

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**C B, D B**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi r-rikorrenti izzewweg lil E B nee F, illum defunta fl-1972;

Illi matul iz-zwieg, E B kellha relazzjoni ma’ l-intimat D B;

Illi minn din ir-relazzjoni twieled l-intiamt C B, li twieled fl-1982 skond l-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok A, li fih l-esponent gie mnizzel bhala l-missier l-intimat C B;

Illi C B m’ huwiex il-wild naturali ta’ l-esponent kif ser ikun ippruvata waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tant li l-intimat C B jghix ma’ l-intimat missieru naturali D B;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi C B m’ huwiex it-tifel naturali ta’ l-esponent A B, okkorrendo bl-opera ta’ esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, b’ mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri f’ dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmi C B billi jigu kkancellati kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta’ l-esponent A B u l-istess jigu sostitwiti b’ dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat in-nota li permezz taghha l-konvenut C B ammetta t-talbiet attrici ;[1]

Rat in-nota li permezz taghha l-konvenut D B ammetta t-talbiet attrici ;[2]

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda li :

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta sakemm l-attur ma jipprvax illi l-azzjoni tieghu giet intavolata ai termini tal-paragrafu (c) ta’ l-Artikolu 73 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

[1] Fol.7
[2] Fol.15

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-Rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, ghandhom jigu kkancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ l-omm fl-Att tat-Twelid li ghandu n-numru progressiv 4656 tas-sena 1982;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jkunu indikati d-dettalji tal-missier naturali inkluz il-professjoni, sengha jew stat iehor, l-eta’, l-post tat-twelid tal-missier u fejn joqghod kif ukoll isem u kunjom il-missier u indikazzjoni jekk ghadux haj;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2008 li permezz tieghu d-Direttur irtira l-ewwel eccezzjoni ;[3]

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;[4]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

---

[3] Fol.18
[4] Fol.21 et seq.

Semghet xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenut C B, li twieled fil-21 ta' Awissu 1982, u li gie registrat fuq l-att tat-twelid tieghu numru 4656/82 bhala l-wild ta' l-attur A B, fil-fatt m'huwiex il-wild naturali ta' l-attur.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li fiz-zmien li l-konjugi, A B l-attur u martu E [li mietet f' Mejju 2000] kienu qed jghixu separati, u kien waqfu milli jkollhom relazzjonijiet intimi flimkien, l-istess martu kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut D B ; u minn din ir-relazzjoni twieled il-konvenut C B fl-imsemmija data. Il-partijiet jghidu li lhom zmien li accettaw dan il-fatt, u z-zewg konvenuti jghixu flimkien bhala missier u iben.

Illi r-rapport xjentifiku [DNA] jikkonferma din it-tezi, u cioe' li l-konvenut C B mhuwiex il-wild naturali ta' A B, l-attur.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li, ghalkemm mill-provi jinsab assodat li l-attur m' huwiex il-missier naturali tal-konvenut C B, ma ngabux elementi ta' prova sodisfacenti biex jikkonfermaw li l-konvenut C B huwa l-wild naturali tal-konvenut D B. Jigi osservat li l-omm mietet qabel ma nfethu dawn il-proceduri, u mill-atti ma jirrizultax li saru testijiet tad-DNA in propozitu.

Dan premess u kkunsdirat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi in kwantu ghall-ispejjez tal-kawza, il-Qorti tosserva li, stante li omm C B tinsab mejta u m'hijiex parti fil-kawza, stante li l-istess C B ma jahti xejn ghal dak li ghamlet ommu, u stante li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement provat li D B huwa l-missier naturali ta'

C B, allura fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur ; u tiddikjara li l-konvenut C B li twieled fil-21 ta’ Awissu 1982 m’ huwiex il-wild naturali u bijologiku ta’ l-attur A B ; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 4656/82 billi jigu kkancellati l-isem u l-konnatati ta’ l-istess A B, u jigu sostitwiti bil-kliem ‘missier mhux maghruf’.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------